

# L-istatwa ta' San Sebastjan tal-Pjazza



L-Istatwa ta' San Sebastjan f'waħda mill-pjazez ewlenin tal-Parroċċa tagħna saret fl-1815 minn Ċikku u Ġlormu Fabri mill-Birgu. L-Istorja ta' din l-Istawa teħodna fi żminijiet pjuttost koroh meta r-raħal tagħna kien inħakem mill-pesta bejn l-1813 u l-1814. Missirijietna kienu rrikorrew lejn San Sebastjan biex jipproteġiehom u jeħlishom minn din l-epidemija qerrieda u bħala ringrazzjament huma wegħdu li jagħmlu statwa tal-qaddis f' tarf ir-Raħal.

Il-poplu ta' Ħal Qormi minn dejjem ħa ħsieb b'għożża kbira din l-istatwa. U sal-ġurnata tal-llum Carmelo Falzon għadu jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħha u jara li din l-istatwa tinżamm fl-istat tajjeb li fil-fatt hi. Ovvjament dan ma jistax jagħmlu mingħajr l-għajuna ta' bosta oħrajn. U riċentament, propju f'Ġunju tas-sena l-oħra l-2003, Carmelo reġa' ħa ħsieb biex żeba' din l-istatwa. Il-fondi għaż-żebgħa ħarġuhom Salvu Cardona u l-mara tiegħu Dolor (illum mejta). Hawnhekk ta' min isemmi wkoll li sar dawl gdid għall-istatwa minn Vince Camilleri. Għal żmien twil ukoll, il-familja Saliba, issa ilhom jieħdu ħsieb ukoll billi fil-ġranet ta' qabel il-festa jaraw li titnaddaf l-area ta' quddiem l-istatwa u jaraw ukoll li l-istatwa tkun armata b'dawl kif jixraq.



Minħabba l-istorja li din l-istawa għandha, ta' min isemmi wkoll li wieħed mill-panewwijiet tal-pedestall il-ġdid jissimbolizza il-qima tal-poplu Qormi lejn San Bastjan u b'hekk l-artist juri l-poplu miġbur madwar din l-istatwa u jagħti qima lil dan il-qaddis.